QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA’ JANNAR 2002

Avviz Nru 7/99DM

Advanced Computer Technology
Limited bhala unika proprjetarja tad-ditta
W.I.S.E. Computer Services

vs

Peter Tonna personalment kif ukoll
ghan-nom u bhala uniku proprjetarju tad-ditta “Peter Tonna”

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ mitejn tnejn u sebghin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM272.25) bilanc dovut minnhu lis-socjeta attrici fuq photocopier Nashautec Model 3715 mibjugha u kkunsinnata lilhu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ta’ Settembru , 1998 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut pro et nomine fejn eccepixxa:

1 Illi l-ebda somma ma hija dovuta lill-kumpanija attrici ghal dawn ir-ragunijiet:

(a) L-esponent kien xtara minn ghand WISE Computer Services photocopier Mudell 3612 fl-27 ta’ Gunju 1997 bil-prezz ta’ tlitt mija seba u ghoxrin lira Maltin hamsa u sebghin centezmi (Lm327.75) debitament imhallas minnu fl-1 ta’ Lulju 1997 (Dok 1 u 2);

(b) billi din il-photocopier kienet difettuza l-istess WISE Computer Services haduha lura u ssostitwewha b’photocopier ohra tal-istess mudell 3612 fit-30 ta’ Lulju 1997 (Dok 3);

(c) Anke din it-tieni photocopier kienet difettuza u giet sostitwita b'ohra Mudell 3715 temporanjament sakemm tasal minn barra il-photocopier Mudell 3612 li bhala kien xtara l-esponent billi l-esponent ma riedx izomm il-mudell 3715 li kienet tiswa Lm272.25 izjed;

(d) billi anke din il-photocopier Mudell 3715 instabet difettuza, fid-29 ta' Ottubru 1997 l-esponent, per mezz tad-difensur tieghu, kiteb lil WISE Computer Services fejn talabhom biex jirrestitwulu s-somma ta' Lm327.75 li huwa kien hallashom originarjament u fl-istess hin jirtiraw minn ghandhu l-photocopier Mudell 3715 (Dok 4)'

(e) b'risposta taghhom tal-31 ta' Ottubru 1997 (Dok 5) WISE Computer Services riedu li l-esponent jirritorna l-photocopier Mudell 3715 li kellu f'idejh u fl-istess hin jaghtuh a saldu ta' dak li kien hallas (i.e.Lm327.75) photocopier Mudell 3612;

(f) b'ittra tat-3 ta' Novembru 1997 (Dok 6) l-esponent accetta din il-proposta basta li l-atturi li jiggarantulu li l-Mudell 3612 li jikkonsenjawlu ikun gdid u mhux uzat u li jkollu garanzija simili ghal dik li kienu tawh meta kien akkwista l-ewwel photocopier;

(g) b'sorpriza ghall-esponent, b'ittra tal-10 ta' Novembru 1997 (Dok 7 ) l-atturi, fil-waqt li tennew il-proposta taghha precedenti li l-esponent izomm il-Mudell 3715 sakemm jigi sostitwit minnhom bil-Mudell 3612, riedu li jithallsu sitt mils ghal kull kopja u li l-karta u t-toner tithallas mill-esponent.

(h) b'ittra tat-18 ta' Novembru 1997 (Dok 8) l-esponent, peress li l-uzu minnu tal-mudell 3715 ma kienx tort tieghu, ma accettax il-kundizzjoni gdida addizzjonali tal-kontroparti li jhallas ghall-kopji u ghat-toner u tenna li jaccetta copier gdid Mudell 3612 in sostituzzjoni u talab lill-kontroparti biex tinfurmah meta jasal dan il-mudell;

(i) b'ittra tal-21 ta' Novembru 1997 (Dok 9) l-atturi insistew ghall-hlas ta' kumpens ghall-uzu tal-mudell 3715 sakemm jasal il-mudell gdid 3612 izda ghar-ragunijiet ripetuti fl-ittra tal-19 ta' Jannar 1998 (Dok 10) l-esponent rega ma accettax din il-proposta gdida. Huwa ipprova izomm seduta (ittra tad-9 ta' Mejju 1998 – Dok 11) u meta ra li s-seduti ffissati ghall-fini ta' transazjoni ma gewx mizmuma mill-atturi, l-esponent baghad l-ittra tal-4 t' Awissu 1998 (Dok 12 ) fejn insista ghall-photocopier Mudell 3612 in sostituzzjoni kif promess lilu mill-atturi;

(j) wara li ghaddiet korrispondenza ohra (ittri tal-10 t'Awissu 1998 u 23 ta' Settembru 1998 – Dok 13 u 14 ) inutilment biex issir laqgha, l-esponent irceva ittra ufficjali datata 1 ta' Ottubru 1998 (Dok 15) li huwa irrisponda b'ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru 1998 (Dok 16)

2 Illi jidher mill-korrispondenza fuq esibita illi l-atturi qatt ma bieghu lill-esponent l-photocopier Nashuatec Model 3715 li taghha qeghdin jitolbu il-hlas tal-bilanc tal-prezz imma dina kienet giet sostitwita temporanjament ghall-photocopier Mudell 3612 (it-tieni wiehed) li instab difettuz sakemm jasal photocopier gdid tal-mudell 3612 u dana jinghata lill-esponent in sostituzzjoni ghal dak Mudell 3612 originali fil-waqt li l-atturi jirtiraw il-mudell 3715 li kienu taw lill-esponent temporanjament.

3 Ghalhekk billi qatt ma sar bejgh tal-photocopier Mudell 3715 lill- esponent, l-esponent ma ghandu ihallas xejn lill-atturi u anzi jirrizerva id-drittijiet tieghu kontra taghhom kif fuq inghad ghas-sostituzzjoni tal-photocopier 3612 b'iehor tal-istess Mudell 3612

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Biex tista' tirnexxi t-talba tal-atturi huma obbligati illi jippruvaw illi sar ftehim mal-konvenut li kien jirrigwarda l-bejgh ta' photocopier Nashuatec Modell 3715 f'liema ftehim gie wkoll stabbilit il-prezz u anke l-metodu tal-konsenja u li fil-fatt dan il-photocopier gie kkunsenjat u accett mill-konvenut.

Biex jaslu ghal din il-prova l-atturi offrew id-deposizzjoni tad-Direttur taghhom Anthony Borg fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2000 fejn dan iddikjara illi effettivament kien fil-bidu nett sar ftehim dwar il-bejgh tal-photocopier tal-Mudell 3612 izda dan il-bejgh gie sussegwentement imhassar u sar ftehim gdid bi prezz gdid ta' photocopier ta' Mudell 3715 li taghha qieghed jitlob il-prezz f'dan l-avviz. Ukoll iddikjara illi din il-photocopier kienet giet ikkunsenjata u accettata mill-konvenut. Bi prova ta' dan il-ftehim huwa esebixxa dokument AB1 (a fol 34 tal-process).

Min-naha tieghu l-konvenut Peter Tonna jallega illi effettivament kien sar ftehim wiehed biss ghall-bejgh ta' photocopier tal-Mudell 3612 liema photocopier kienet diffettuza u meta l-atturi ma setghux issibu r-raguni l-ghaliex ma kienetx qed tiffunzjona tajjeb, huma kienu tawh photocopier tal-Mudell 3715 bl-intendiment illi meta jkollhom photocopier 3612 fl-istock, huma jergghu jssostitwixxu l-photocopier li kienu tawh biex jinqeda.

Stante din il-kontestazzjoni ghalhekk, jispetta lill-atturi illi jiproducu provi iktar cari dwar it-tieni bejgh in kwistjoni. Jirrizulta mid-dokument AB1 illi dan id-dokument ma jghamel ebda riferenza ghall-liema Mudell ta' photocopier kien qed jigi ikkonsenjat u ma hemm ebda riferenza dwar il-prezz ta' dan il-bejgh. Infatti d-dokument esibit bhala prova tal-bejgh ma jghid xejn dwar il-bejgh illi qieghed jigi allegat.

Il-kaz huwa aktar differenti meta wiehed jikkunsidra l-bejgh originali tal-photocopier Mudell 3612 peress li ma din il-photocopier kienet inhareg invoice Nru 380 fl-1 ta' Lulju 1997 fejn gie indikat il-prezz u d-dettalji l-ohra tal-bejgh; kif ukoll mal-pagament tad-depositu, inharget ircevuta illi tirrigwarda wkoll in-Nashuatec copier 3612 u datata 27/28 ta' Gunju 1997.

Inoltre mid-deposizzjonijiet tal-kontendenti kif ukoll mid-dokumenti kollha esebiti tirrizulta iktar attendibbli l-verzjoni moghtija mill-konvenut illi huwa qieghed jzomm il-photocopier 3715 temporanjament sakemm tigi ikkunsenjata photocopier 3612 li dwarha biss kien sar il-bejgh.

Ghaldaqstant tiddecidi illi l-atturi ma waslux ghal prova li huma bieghu lill-konvenut il-photocopier 3715 li ghadha fil-pussess tal-konvenut u ghaldaqstant qieghdha tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-kumpanija attrici.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ29